Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 875/2006

**Carmel D`Amato u martu Rita D`Amato ghal kull interess li jista` jkollha**

***kontra***

**L-Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta (M.T.A)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-28 ta` Settembru 2006 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrent gie mpjegat inizjalment bhala ‘Senior Manager – Internal Auditing’ mal-Awtorita` intimata ghal zmien indefinit, liema mpjieg beda fl-1 ta` Ottubru 1999 u dan permezz ta` kuntratt ta` mpjieg datat 7*

*ta` Marzu 2001 hawn esebit u mmarkat bhala Dok 'CD', u sussegwentement lahaq il-kariga ta` Direttur – Finanzi mal-Awtorita` intimata' b`effett mill-1 ta` Awissu 2001.*

*2. Illi a tenur ta` klawsola 1.3. tal-imsemmi kuntratt ta` mpjieg gie stipulat illi 'The Authority reserves the right at any time to assign to the Employee another appointment within the same grade and with the same conditions'.*

*3. Illi b`ittra datata 22 ta` Novembru 2005 tal-Awtorita` intimata hawn annessa u mmarkata Dok 'CD 1', ir-rikorrent gie mgharraf illi minhabba ristrutturar fl-Awtorita` intimata 'l-pozizzjoni prezenti tieghek m`ghadhiex vijabbli fl-istruttura l-gdida ta` l-M.T.A,' izda gie assikurat 'illi l-impjieg u s-salarju prezenti tieghek qed jigu garantiti'.*

*4. Illi b`ittra datata 3 ta` Novembru 2005 tal-Awtorita` intimata, hawn annessa u mmarkata Dok. 'CD 2', ir-rikorrent gie mgharraf illi hu kien wiehed mill-impjegati li kienu ser jigu trasferiti ghal ghand l-'Industrial Projects Services Limited' (IPSL), u nghata l-oopportunita` li jekk ried seta` jibbenefika minn skema finanzjarja u volontarja ta` rtirar kmieni mix-xoghol, liema offerta ma gietx accettata mir-rikorrent, kif jirrizulta mill-annessa ittra datata 8 ta` Novembru 2005 immarkata Dok 'CD 3', peress li ma kien hemm ebda raguni u gustifikazzjoni ghal dan it-trasferiment.*

*5. Illi b`ittra datata 15 ta` Dicembru 2005 mill-'Management & Personnel Office' fl-Ufficcju tal-Priim Ministru, hawn annessa u mmarkata Dok. 'CD 4', ir-rikorrent gie mgharraf illi 'In terms of the current policy affecting the redeployment of public entities employees, this office has made the necessary arrangements for you to commence duties as Finance Executive at WasteServe Malta Ltd with effect from 1 December 2005. From the*

*same date you will be considered to have become a full time employee of WasteServe Malta Ltd.*

*6. Illi b`ittra datata 17 ta` Jannar 2006 mill-WasteServe Malta Ltd, hawn annessa u mmarkata Dok ‘DC 5’, ir-rikorrent gie mgharraf li kien ser jigi mpjegat fil-kariga ta` ‘Finance Executive for an evaluation period of twelve (12) months’ b`termini u kundizzjonijiet tax-xoghol inferjuri ghal dawk li kien igawdi mal-Awtorita` intimata fosthom il-kariga, l-garanzija, sigurta` tal-impjieg, is-seniority, id-dritt ta` reversion u l-beneficcji finanzjarji u perks anqas milli kellu, u dan kif jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kaz.*

*7. Illi dan it-trasferiment tal-impjieg tar-rikorrent sar abbuzivament u llegalment u sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif naxxenti mill-imsemmi kuntratt ta` mpjieg tieghu mal-Awtorita` intimata datat 7 ta` Marzu 2001.*

*8. Illi l-Awtorita` intimata giet interpellata biex tirrevedi din id-decizjoni arbitrarja, llegali, u abbuziva li hadet fil-konfront tar-rikorrent u sabiex tirreintegrah fid-drittijiet kollha tieghu, skond kif jirrizulta mid-Dok ‘CD 6’ u ‘CD 7’ izda dan inutilment.*

*Tghid ghalhekk l-Awtorita` intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:*

*1. Tiddikjara illi t-trasferiment mill-impjieg tar-rikorrent minn mal-Awtorita` intimata hu llegali, abbuziv u ma sarx ghal raguni gusta u sufficjenti, u sar bi ksur tal-kuntratt ta` mpjieg datat 7 ta` Marzu 2001 esebit bhala Dok CD*

*2. Konsegwentement jigi ddikjarat illi l-Awtorita` intimata hi responsabbli ghad-danni li sofrew ir-rikorrenti minhabba din id-decizjoni tal-Awtorita` intimata ;*

*3. Jigu likwidati d-danni li sofrew ir-rikorrenti ; u*

*4. L-Awtorita` intimata tigi kkundannata thallas dawn id-danni lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta` Dicembru 2005 kontra l-Awtorita` intimata li hi ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat ir-risposta mahlufa prezentata fl-<u>20 ta` Ottubru 2006</u> li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, l-inkompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti ratione materiae stante illi l-attur huwa 'mpjegat' kif imfisser fl-Art.2 tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta, li bis-sahha tal-Art.75 jaghti gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali li jikkunsidra inter alia l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li sar ksur tad-drittijiet protetti bis-sahha tat-Titolu 1 tal-Att, fosthom decizjonijiet 'illegali, abbuzivi u ma sarx ghal raguni gusta u sufficjenti', kif deskritt fl-ewwel talba tar-rikors guramentat tal-attur.*

*2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-trasferiment tar-rikorrent sar bis-sahha ta` ftehim li kien sar bejn il-union li tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema fl-Awtorita` intimata, l-Union Haddiema Maghqudin u l-Awtorita` konvenuta tal-4 ta` Novembru 2005, hawn anness u ffirmat Dok. MTA 1, dwar liema attur*

*ma jidhirx li qieghed jillanja jew jikkontesta l-validita` liema ftehim izda jikkontempla procedura hekk imsejha ‘grievance’ mahsuba fil-ftehim kollettiv, liema procedura ma gietx intavolata mir-rikorrent odjern ;*

*Dwar il-fatti :*

*3. Il-kuntratt tal-attur minnu citat jippermetti li l-attur jigi assenjat doveri ohra u naturalment il-ligi tippermetti anke t-tkeccija fejn il-post ghal xi raguni ma tibqax ta` htiega ghall-organizzazzjoni ;*

*4. Issa l-Awtorita` intimata kienet iddecidiet illi ghall-pozizzjoni li kellu, l-attur ma kienx ghadu ‘vijabbli fl-istruttura l-gdida’ (Dok. CD1), u dan wara stharrig li kien sar konsistenti f’Human Resources Audit, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza ;*

*5. Sar ukoll rapport datat 12 ta` April, 2006, hawn allegat u mmarkat Dok. MTA 2, li minnu jirrizultaw ir-ragunijiet ta` fatt li taw lok ghad-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tar-rikorrent ;*

*6. Fid-9 ta` Mejju, 2006, is-Segretarju Permanenti Ewlieni Fl-Ufficcju tal-Prim Ministru baghat ittra lill-Ombudsman, Dok. MTA 3, li kien gie adit mir-rikorrent odjern, li minnha jirrizulta illi minn Dicembru 2005, sa dakinhar, ir-rikorrent kien fuq sick leave ;*

*7. L-Awtorita` intimata hija nfurmata illi sal-lum, ir-rikorrent ghadu ma dahalx ghax-xoghol, u ghadu fuq sick leave ;*

*8. L-Ombudsman cahad il-lanjanza tar-rikorrent, kif jirrizulta mill-ittra annessa u mmarkata Dok. MTA 4 tal-10 ta` Ottubru, 2006 ;*

*9. Dwar is-sitt premessa tar-rikors, filwaqt illi jinghad minnufih illi l-ittra Dok.CD 5 imkien ma tghid illi r-rikorrent kien qieghed jigi ngaggjat mill-WasteServe Malta Ltd. b`kundizzjonijiet inferjuri ghal dawk li kellu, jirrizulta evidenti illi mentri s-salarju baziku tar-rikorrent inzamm ferm, kif miftiehem Dok. MTA 1, il-kundizzjonijiet imsejha 'performance bonus' li gie aggunt mal-kundizzjonijiet tar-rikorrent sahansitra jmur oltre dak li kellu, u mhux inaqqaslu mill-kundizzjonijiet ;*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Awtorita` konvenuta u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta mahlufa.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-attur (fol 51 sa 54) fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti mill-attur (fol 55 sa 60).

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-attur fl-udjenzi tat-23 ta` Marzu 2007 (fol 65 sa 73) u tas-16 ta` Novembru 2007 (fol 86).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Anthony Portelli (fol 79 sa 81) fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Vincent Magri (fol 87 sa 95) quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Kristino Calleja (fol 104) fl-udjenza tal-14 ta` Jannar 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, flimkien mad-dokument li kien esebit mix-xhud (fol 99 sa 103).

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-attur in kontroezami (fol 108 sa 113) fl-udjenza tas-7 ta` April 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta prezentata fis-26 ta` Mejju 2008 (fol 115 sa 117) dwar l-eccezzjoni preliminari taghha.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur dwar l-istess eccezzjoni preliminari (fol 119 sa 124) li kienet prezentata fis-27 ta` Gunju 2008.

Rat is-sentenza *in parte* ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-3 ta` Ottubru 2008 (fol 126 sa 134) fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, cahdet l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti *ratione materiae* spejjez ghall-Awtorita` konvenuta.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Jannar 2009 (fol 139A) fejn cahdet it-talba tal-Awtorita` konvenuta ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta` WasteServ Malta Ltd (C30560).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur (fol 146 sa 156) flimkien ma` prospett tad-danni li l-atturi jallegaw illi garrbu (fol 157 u 158).

Rat id-dokumenti (fol 163 sa 201) li kienu esebiti mill-atturi fl-udjenza tal-20 ta` April 2009.

Semghet id-deposizzjoni ta` Emanuel sive` Leslie Vella (fol 204 sa 214) fl-udjenza tal-20 ta` April 2009.

Semghet id-deposizzjoni ta` Anthony Portelli (fol 215 sa 227) fl-imsemmija udjenza tal-20 ta` April 2009 u fl-udjenza tas-16 ta` Novembru 2009 (fol 245 sa 257).

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Novembru 2009 (fol 239) fejn ghal darb`ohra cahdet it-talba tal-Awtorita` konvenuta ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta` WasteServ Malta Ltd (C30560).

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Tanti (fol 261 sa 281) u ta` Norbert Gingell fl-udjenza tas-16 ta` Frar 2010 u rat id-dokument li kien esebit minn dan ix-xhud tal-ahhar.

Semghet ix-xiehda ta` Peter Portelli (fol 284 sa 292) fl-udjenza tas-6 ta` Mejju 2010 u fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2010 (fol 301 sa 311) kif ukoll rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud.

Rat li l-gbir tal-provi kien konkluz fl-udjenza tad-19 ta` Ottubru 2011.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-atturi (fol 314 sa 326) li kienet prezentata fl-udjenza tal-15 ta` Frar 2011.

Rat in-nota responsiva tal-Awtorita` konvenuta (fol 328 sa 335) li kienet prezentata fl-udjenza tad-19 ta` April 2011.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tad-9 ta` Gunju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

L-attur kellu kuntratt tax-xoghol bil-miktub ghal zmien indefinit mal-Awtorita` konvenuta (‘MTA’) [Dok CD]. Ghalkemm il-kuntratt kien datat 7 ta` Marzu 2001, kien effettiv mill-1 ta` Ottubru 1999. L-impieg kien ta` *Senior Manager – Internal Auditing* u bhala parti integrali tal-kuntratt kien hemm *a position description.* Apparti pattijiet ohrajn, fil-kuntratt kien hemm klawsola (1.3) li taqra hekk – *The Authority reserves the right, at any time, to assign to the Employee another appointment within the same grade and with the same conditions.* Jirrizulta li fl-1 ta` Awissu 2001, l-attur inhatar Direttur tal-Finanzi (fol 167).

Jirrizulta li l-MTA ghaddiet minn process ta` ristrutturar li wassal sabiex fil-kaz tal-attur tiddeciedi li ma kienx ghad hemm post ghalih fl-Awtorita`. Mhuwiex daqstant car jekk l-attur kienx assenjat jew trasferit band`ohra ghax is-servizz tieghu ma kienx mehtieg jew ghax huwa bhala impjegat ma kienx efficjenti kif kienet qeghda tirrikjedi l-Awtorita`. Fil-fatt jirrizultaw zewg verzjonijiet – dik li tghid li l-Awtorita` lmentat illi l-attur ma kienx jaf jiehu decizjonijiet iebsin fil-konfront tal-impjegati li

kienu jaqghu tahtu u allura li l-attur ma kienx adattat ghall-posizzjoni li kien qieghed u l-ohra illi tghid illi minhabba r-ristrutturar, il-posizzjoni li kien jokkupa l-attur kienet giet superfluwa. Kienet x`kienet ir-raguni jirrizulta bhala fatt li l-attur ma tkecciex mill-impieg mal-Awtorita` minhabba sensja (*redundancy*) jew ghal raguni tajba u bizzejjed. Ghalhekk fejn kien trasferit kellu jgorr mieghu l-kondizzjonijiet tal-impieg li kellu mal-MTA.

Jidher illi waqt li kien ghadu jahdem mal-MTA bhala Direttur Finanzi, kien hemm xi zmien fejn inbidel ix-xoghol tieghu, ghalkemm baqa` jzomm l-istess grad, u nghata xoghol iehor mhux relatat ma` finanzi. Jirrizulta li b`ittra li s-CEO tal-MTA baghat lill-attur bid-data tas-6 ta` Lulju 2004, huwa kien infurmat illi '*…. with immediate effect, you are being assigned new duties within the Authority……..To this effect your position as Director will be maintained and you will be informed of your new assignment in due course'* (fol. 163). Dan kien in linea mal-kuntratt tax-xoghol tal-attur mal-MTA.

Jidher li meta ttiehdet id-decizjoni illi jsir ir-ristrutturar tal-MTA, kien deciz li ma kienx ghad hemm post ghall-attur mal-Awtorita`. Ghalhekk l-attur kien trasferit ma` Industrial Projects Services Limited ("IPSL") li sabet xoghol ghall-attur mal-kumpannija WasteServ Malta Ltd ("WasteServ"). Huwa pruvat bhala fatt li l-kondizzjonijiet li l-attur inghata ma` WasteServ kienu inferjuri ghal dawk tal-MTA.

Minn ezami tal-*employment history* tal-attur skond il-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig ("ETC") jirrizulta li fil-25 ta` Settembru 2006 l-attur kien jidher bhala impjegat tal-MTA (ara fol. 73).

F`dokument iehor simili tal-ETC datat 14 ta` Jannar 2008, jirrizulta li kien inkluz il-kliem '*clearing termination'* hdejn id-data 17 ta' Dicembru 2005 (fol. 103).

Kristino Calleja mill-ETC xehed illi t-terminazzjoni tal-impieg tal-attur waslet ghand l-ETC fil-21 ta` Marzu 2007 li pero` kienet tirreferi ghas-17 ta` Dicembru 2005 (fol. 104).

Kien x`kien it-taghrif li ntbaghat lill-ETC, il-partijiet jaqblu illi fil-verita` l-impjieg tal-attur ma kienx terminat izda l-attur kien trasferit lejn agenzija kontrollata mill-Gvern u cioe` WasteServ abbazi tal-klawsola 1.3 tal-kuntratt tax-xoghol tal-attur.

Peter Portelli, Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, kien involut fid-decizjoni tar-ristrutturar tal-MTA. Huwa xehed hekk a fol 286 –

*gew identifikati s-sezzjonijiet kif ghandhom ikunu, inbidlu d-direttorati kif kienu ffurmati. Qabli kien hemm sistema daqsxejn ikkumplikata fejn inti kellek Boards mahturin minn nies minn barra u nies mill-Awtorita' li jmexxu d-direttorati, dik is-sistema spiccat kollha, id-direttorati gew iffurmati b`direttorati godda. Issa b`rizultat ta` dan kellhom icaqalqu numru ta` staff minn direttorat into the new directorates, u kien hemm haddiehor li ma giex jiffittja fl-istruttura'*

Ikompli jixhed hekk –

*fost dawn kien hemm is-Sur D'Amato. Jigifieri sar profiling exercise wara li ghamlu interviews mal-impjegati kollha minn board biex jassessja l-impjegati, u abbazi ta` dak l-assessment gie deciz min ghandu jiffittja fejn. U kien hemm numru kif qed nghid li ma kienux jiffittjaw f`din l-istruttura l-gdida'.* (fol. 286).

Ix-xhud fisser illi peress li l-attur ma accettax l-iskema ta` irtirar kmieni, huwa ntbaghat l-IPSL sabiex din tal-ahhar issiblu mpjieg.

Mhuwiex kontestat li l-iskema ta` rtirat kmieni ma kenitx obbligatorja izda volontarja.

Peter Portelli jkompli jixhed illi l-Gvern f`dan ir-*redeployment* iggarantixxa biss il-*basic pay* u cioe` s-salarju baziku (ara fol. 288-289).

L-attur jallega li huwa kien qed jigi isolat fuq il-post tax-xoghol –

*wara li hallewni sena nahdem fuq il-licenzji, xoghol klerikali flok ta` direttur, izolawni minn kulhadd, introducew registru biex min johrog il-Belt jiskarta jiffirmaw, hargu regolament fil-Finance Department li min jigi jkellimni jrid jiffirma, fl-istess bini, minn fuq ghal isfel….izolawni, hadd ma baqa` jkellimni. Ghamilt sena f`ufficcju wahdi. Xoghol klerikali, jiena qualified accountant and auditor’* (ara fol. 52).

L-attur jghid illi kien offrut posizzjoni ohra izda ferm inferjuri ghal dik li kellu. Ighid li kien offrut grad ta` executive (li huwa inferjuri ghal dak ta` direttur) u l-*perks* li kellu bhala direttur ma setghux jaghtuhomlu. Tawh biss *performance bonus* li l-massimu tieghu ta` 15% tas-salarju seta` jilhaq l-Lm 1600 (ara wkoll l-ittra mibghuta lil attur mill-Wasteserve Ltd li tikkonferma dan a fol. 66). L-attur jghid illi ma kienx jikkwalifika ghal *mobile* b`xejn kif kien bhala direttur. L-attur jixhed ukoll illi l-uniku kuntratt li kellu mal-MTA kien dak meta lahaq *Senior Manager - Internal Auditing* u li dan il-kuntratt baqa` jghodd anki meta lahaq direttur (ara fol. 51).

Kagun ta` dak ghadda minnu meta kien trasferit mill-MTA ghall-IPSL u minn hemm ghall-WasteServ, l-attur ighid li waqa` f`depressjoni tant li fil-quantum tad-danni li qieghed jippretendi f`din il-kawza huwa nkluda l-ispejjez tal-kura ghal din il-kondizzjoni medika.

F`ittra li baghat lil Vincent Magri, CEO ta` WasteServ, l-attur jghid illi huwa kien lest li jibqa` jahdem maghha dment li jibqa` jgawdi kemm is-salarju kif ukoll il-beneficcji li kellu mal-MTA (ara fol. 68).

**Ikkunsidrat :**

In vista tal-ewwel talba attrici, din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tistharreg x`kienu l-obbligi tal-MTA fil-konfront tal-attur u tistabilixxi jekk il-mod kif gabet ruhha mal-attur, minhabba r-ristrutturar interna taghha, marritx kontra dak li kien patwit minnha fil-kuntratt li kellha mal-attur.

Fit-3 ta` Novembru 2005 l-attur offrut skema sabiex jekk ried, jiehu somma flus ekwivalenti ghal sentejn xoghol, sabiex jirrizenja mill-impieg tieghu mill-MTA. L-attur ma accettax (ara fol. 16 u fol. 20).

Fit-8 ta` Novembru 2005 l-attur kiteb lil Executive Chairman tal-MTA u qallu hekk –

*L-iskema kif qed tigi proposta qed tohloq anomalija u ingustizzja ma` min bhali baqaghlu fis-servizz tul aktar ta` zmien ta` aktar minn sentejn komparat ma` dawk li baqaghlhom servizz inqas minn sentejn.*

*Fit-tieni lok inti gharraftni li jien wiehed mill-impjegati li ser nigi trasferit ghand l-IPSL minghajr ma tajtni l-ebda raguni u gustifikazzjoni ghal dan it-trasferiment.*

Huwa jikkonkludi hekk –

*jien gejt u ghadni nigi trattat b`mod umiljanti u l-anqas qed nigi moghti xoghol kompatibbli mal-grad tieghi ta` direttur.* (fol. 20)

F`ittra li l-Executive Chairman tal-MTA baghat lill-attur fit-22 ta` Novembru 2005, jinghad (a fol 13) illi –

*Il-posizzjoni prezenti tieghek* *m`ghadhiex vijabbli fl-istruttura l-gdida* *tal-MTA'* u li '*l-impjieg u s-salarju prezenti tieghek qed jigu garantiti*' ).

Fil-15 ta` Dicembru 2005 l-attur kien infurmat mill-Ufficcju tal-Prim Ministru ("OPM") li kien ser jibda impjieg iehor bhala Finance Executive mal-WasteServe u kien infurmat illi '*you will retain your present basic pay but not any other allowances and benefits'* (fol. 21).

Fit-12 ta` April 2006, l-MTA ghamlet rapport dwar l-attur u tat ir-ragunijiet taghha ghala l-attur kien ser jigi trasferit. Fir-rapport, l-MTA tghid illi wara erba` snin li l-attur kien ilu *Internal Auditor*, huwa kien appuntat bhala Direttur tal-Finanzi. Dwar l-imgieba tieghu qalet hekk –

*mill-bidu beda jidher wiehed mid-difetti ewlwenin ta' D'Amato li kien il-biza` kbir li kellu milli jiffaccja l-problemi, b`mod partikulari dawk relatati ma` dixxiplina ta` impjegati'* (fol. 36)

Kif ukoll illi –

*qatt ma ressaq pjan ghal izvilupp tad-direttorat minkejja li ntalab kemm-il darba biex jaghmel dan mill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita'.*

Fil-kwistjoni kien involut ukoll l-Ombudsman.

F`ittra li s-Segretarju Permanenti baghat lill-Ombudsman, jinghad –

*l-posizzjoni tieghu* [tal-attur] *giet dikjarata superfluwa bhala rizultat tal-istrutturar intern gewwa l-MTA' u li r-redeployment tal-attur sar bis-sahha tal-Artikolu 15(2)(11) tal-Att Dwar is-Servizzi ta` Impjieg u Tahrig* (ara fol. 42).

L-MTA tallega illi l-attur ma kienx kompetenti fix-xoghol tieghu ghax skond l-MTA ma kienx ikun irid jerfa` responsabbilita`. Jidher illi wara diversi appelli mill-Bord tal-Awtorita`, kien deciz illi x-xoghol li kien qed jaghmel l-attur kien trasferit lil *service provider* (ara fol. 39). L-MTA tallega wkoll inkapacita` professjonali f`dak li kien infiq fid-direttorat li minnu kien responsabbli l-attur (ara fol. 37 u 38). Tallega wkoll li meta s-*service provider* il-gdid, Marcel Coppini, gie sabiex jinghata *handover* minghand l-attur, ma sabx wisq koperazzjoni mill-attur (fol. 40). L-MTA tghid illi wara dan iz-zmien u wara li lill-attur inghatalu inkarigu iehor, dan inghalaq fl-ufficcju tieghu.

L-MTA qeghda taghti zewg verzjonijiet ghar-raguni ghaliex hija ma zammitx lil attur. Minn naha wahda tghid illi l-attur ma kienx kapaci f`xogholu u minn naha l-ohra tghid illi l-kariga li kien jokkupa kienet saret superfluwa wara r-ristrutturar li kien sar. Li jidher car pero` huwa li l-Awtorita` ghazlet illi ma tissenjax lill-attur izda li titrasferih lil IPSL sabiex isibu xoghol iehor.

Ghal din il-Qorti tghid li kieku l-MTA kellha ragun fl-ghoti tas-sensja lill-attur hija ma kienet tinkorri l-ebda obbligu ta` kumpens favur l-attur skond il-legislazzjoni vigenti. L-istess ighodd illi kieku l-MTA kellha raguni li tterminat l-impieg tal-attur ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-legislazzjoni vigenti. Ladarba l-MTA ghazlet triq ohra u cioe` dik li tittrasferixxi lill-attur ghal entita` jew

agenzija ohra tal-Gvern hija kienet obbligata tassikura li l-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol li kellha mal-attur ikunu osservati.

Sintomatiku hija l-posizzjoni li ha l-Executive Chairman tal-MTA fl-ittra tat-22 ta` Novembru 2005 meta ghamilha cara li ghalkemm ma kienx ghad hemm bzonn tal-attur fl-MTA huwa xorta wahda kien ser jibqa` jgawdi l-istess salarju u kien ser izomm l-impjieg tieghu.

Punt iehor li jhasseb lil din il-Qorti fir-rigward tar-rapport li sar dwar l-attur u l-hidma tieghu bhala Direttur Finanzi kien ix-xiehda ta` Leslie Vella. Dan ix-xhud mhux talli ma kkonfermax il-kontenut ta` r-rapport li kien sar dwar l-attur imma kwazi kwazi xehed l-oppost tal-kontenut tar-rapport.

Leslie Vella jixhed hekk dwar l-attur - ‘*…konna nahdmu hafna sew flimkien’* (fol. 206).

Isostni li l-ghazla ta` l-attur bhala direttur saret ‘*fuq it-track record li kellu fis-snin ta` qabel bhala ufficcjal tal-awtorita` u allavolja kien qieghed jesegwixxi l-kariga ta` internal auditor ghan-numru ta` xhur qabel harget din il-posizzjoni naf li mal-kap ezekuttiv ta` qabli kien jaghti hafna assistenza in termini ta` Financial Control lis-setting tal-budget tal-awtorita*` (fol. 207).

Ix-xhud ikompli jixhed illi meta hu kien CEO tal-MTA u kien ikun imsiefer, id-diretturi kienu jiehdu hsieb ix-xoghol tieghu fuq bazi ta` *roster* u l-attur kien wiehed minnhom (fol. 208). Isostni li huwa qatt ma kellu problemi mal-ebda direttur (<u>inkluz l-attur</u>) waqt li dawn kienu qed jiehdu hsieb tax-xoghol tieghu fl-assenza tieghu (fol. 209).

Il-Qorti ma tistax tkun serena fl-apprezzament bhala prova tar-rapport li sar fl-MTA dwar l-attur in partikolari fejn ir-rapport jolqot il-*performance* tal-attur bhala direttur. Dan qieghed jinghad ghaliex wiehed mill-firmatarji ta` dak ir-rapport mhux talli jikkontradixxi l-kontenut ta` tali rapport izda l-anqas biss jista` jikkonferma dak illi huwa stess halef fir-risposta guramentata tieghu ghan-nom tal-Awtorita` konvenuta liema risposta tghid hekk –

*Sar ukoll rapport datat 12 ta` April 2006, hawn allegat u mmarkat Dok. MTA 2, li minnu jirrizultaw ir-ragunijiet ta` fatt li taw lok ghad-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tar-rikorrent.* (fol. 32)

Ghal din il-Qorti dak mhuwiex semplici dettall izda kwistjoni ta` sostanza specjalment fejn hemm involut il-gurament.

Mistoqsi jekk ir-rapport kienx il-kawza tat-trasferiment tal-attur (kif qed jistqarr fir-risposta guramentata), Leslie Vella jghid lakonikament - ‘*I wouldn`t know*’ (fol. 213).

Huwa jkompli jixhed illi huwa kien intalab jaghmel dak ir-rapport in konnessjoni mal-kaz illi l-attur kien ressaq quddiem l-Ombudsman.

Din il-Qorti tghid li huwa principju ta` amministrazzjoni tajba illi kull persuna li fir-rigward taghha tkun sejra tittiehed decizjoni, specjalment fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll fejn ikun hemm involut l-impieg ta` persuna fis-settur pubbliku, u l-aktar fejn dik id-decizjoni tista` teffettwa d-drittijiet tal-persuna koncernata, dik il-persuna ghandha tinghata mhux biss ir-ragunijiet ghal kwalsiasi decizjoni li tirrigwardaha izda ghandha tinghata wkoll l-opportunita` li ssemma lehinha bis-shih specjalment fejn hemm involut l-impieg kif kien il-kaz tal-lum.

Din il-Qorti tinnota li l-MTA naqqset bil-bosta fil-konfront tal-attur ghaliex ma taghtux raguni tajba ghala kien qieghed jigi trasferit. Infatti kemm fil-kaz tal-MTA kif ukoll fil-kaz tal-OPM, ir-raguni generika moghtija kienet li l-posizzjoni tieghu ma kenitx ghadha vijabbli in segwitu wara r-ristrutturar intern tal-Awtorita` konvenuta. Dan jikkonfermah Peter Portelli, Segretarju Permanenti fl-Officcju tal-Prim Ministru (fol. 286). Jekk tassew dak kien il-kaz, l-MTA setghet tissensja lill-attur bla ma tinkorri l-ebda riperkussjonijiet. Pero` mhux hekk gara fil-kaz tal-lum.

Fir-rigward tar-rapport li sar dwar il-*performance* tal-attur, il-Qorti kellha diga` l-okkazjoni tosserva li l-istess persuna li rredigiet dan ir-rapport ma kkonfermatx il-kontenut tieghu tant illi fahhret il-*performance* tal-attur u allura din il-Qorti thoss illi dan ir-rapport ma tistax toqghod fuqu. Jidher ukoll illi dan ir-rapport sar in segwitu ghall-ilment illi l-attur ghamel lill-Ombudsman u mhux qabel ittiehdet id-decizjoni li l-posizzjoni tieghu ma kenitx ghadha vijabbli fi hdan l-Awtorita` konvenuta (ara l-ittra datata 22 ta` Novembru 2005). L-attur lanqas ma inghata l-opportunita` li jirribatti l-kontenut ta` dak ir-rapport u jiddefendi ruhu kontra l-allegazzjonijiet li kienu qeghdin isiru fil-konfront tieghu. Joseph Tanti (fol 273) jixhed illi kienet saret laqgha sabiex jisimghu x`kellu xi jghid l-attur dwar id-decizjoni taghhom tar-*redeployment* tieghu meta d-decizjoni tar-*redeployment* kienet diga` ttiehdet.

Dwar ir-responsabbilita` ghall-hlas tas-salarju tal-attur fil-posizzjoni l-gdida tieghu jidher illi kienet l-MTA li baqghet thallas. Vincent Magri, CEO tal-WasteServ, jixhed illi huwa ma kellux diskrezzjoni fl-ghazla tal-attur sabiex jahdem bhala Finance Executive ghaliex kien l-OPM li tah struzzjonijiet sabiex jimpjegah bl-istess salarju (ara fol. 92). Huwa jghid illi <u>s-salarju tal-attur kienet thallsu l-WasteServ u l-MTA kienet mbaghad tghaddi l-flus lill-WasteServ (fol.93 u fol. 95)</u>. Dan ifisser illi l-MTA

zammet ir-relazzjoni guridika u *ex contractu* li kellha mal-attur.

**Ikkunsidrat :**

Anthony Portelli - *Senior Manager - Human Resources* tal-MTA – jixhed illi l-Awtorita` kienet qeghda taghmel *restructuring* u ntghazlu hdax-il-impjegat illi l-posizzjoni taghhom ma kenitx ghadha vijabbli. L-ismijiet ta` dawn il-persuni ghaddew lill-OPM sabiex jinstabilhom xoghol iehor (fol. 221). Huwa jkompli jixhed illi kienet l-MTA li kienet responsabbli sabiex tghid min kien ser jibqa` impjegat maghha u min kellu jigi trasferit (fol. 221). Mistoqsi dwar l-allegazzjoni li huwa ghamel fir-rapport iffirmat minnu u minn Leslie Vella dwar il-*performance* tal-attur bhala direttur, huwa jixhed illi l-attur kien gie mitlub jidentifika persuni ghall-promozzjoni izda dan iddecieda li jaghti promozzjoni lil kulhadd.

Jirrizulta pero` illi bhala fatt li fost l-impjegati kienu tmienja minn erbatax, li nghataw promozzjoni, u mhux l-impjegati <u>kollha</u> li kienu jaqghu taht ir-responsabilita` taal-attur (fol. 225 u 226).

Anthony Portelli jixhed illi meta l-attur kien trasferit ghal ufficcju iehor fl-MTA, huwa baqa` bl-istess salarju, bl-istess beneficcji u bl-istess grad.

Meta l-attur beda jaghmel dan ix-xoghol il-gdid fi hdan l-MTA, ma kienx ikollu lmenti imma kien josserva li l-attur kien jinqafel fl-ufficcju tieghu u ma johrogx hlief ghall-break (ara fol. 250). Ighid hkk –

*Infatti jiena kont indur mal-post xogholi jigifieri u gieli kont insaqsi isma` s-Sur D'Amato gie illum? Jghiduli ma nafx u jiena kultant rajtu llum ta, u kont immur inhabbatlu u nghidlu Sur D'Amato x`int taghmel hawn ? Prattikament*

*izomm ruhu fid-dlam quddiem il-computer, kont nghidlu ma tohrogx naqra, dur u ara x`inhu jigri dana. Kien jghidli le, qieghed hawn, m`ghandix problemi. Kont niehu l-impressjoni li qieghed jizola ruhu ghar-ragunijiet tieghu biex hu jinqata` mill-kumplament.*

Anthony Portelli jixhed illi meta ttiehdet id-decizjoni li l-attur jigi *redeployed* mal-IPSL, il-garanzija mill-OPM kienet biss dwar is-salarju baziku u mhux ukoll dwar il-beneficcji u l-*perks* li huwa kien igawdi bhala direttur tal-MTA (ara fol. 253). Mistoqsi dwar jekk kienx konsapevoli tal-fatt illi l-*collective agreement* dwar ir-*redeployment* tal-impjegati ma kienx japplika ghall-grad ta` direttur, Portelli jixhed '*le ma jaghmlux parti minn dak il-collective agreement'.*

Joseph Tanti li kien qieghed ighin fl-istrutturar tal-MTA jixhed illi fil-kaz tal-attur huwa ma kienx involut billi diga` kien hemm rapport dwar il-*performance* tieghu minn Leslie Vella u Tony Portelli (fol. 262).

Mistoqsi dwar fejn waqaf ir-rwol tal-MTA fir-*redeployment* tal-attur, huwa xehed illi –

*L-MTA waqfet ezattament mal-iffirmar tal-agreement mal-Union, jigifieri kien hemm arrangement bejn l-MTA, il-Gvern u l-Union. Qed nghid il-Union ghax dak iz-zmien kienet il-Union Haddiem Maghqudin ghax kienet tirraprezenta l-bulk tal-haddiema, il-maggoranza tal-haddiema, sar dak l-agreement. Pero` importanti li kien zgur issejfgardjat jigifieri bhala garantit dak iz-zmien jigifieri …….. hija l-basic pay ta` dak l-individwu. Jigifieri dan zgur kien miktub.*

Huwa jixhed illi fil-ftehim mal-Union s-salarju baziku kellu jigi garantit (fol. 267).

Peter Portelli, Segretarju Permanenti fl-OPM jixhed meta mistoqsi dwar jekk il-paga tal-attur kenitx sejra titbaxxa wara sena li kien ser ikun ilu jahdem mal-WasteServ wiegeb hekk - '*jiena ma nkunx naf imbaghad il-WasteServ x'ghamlu* ' (fol. 291).

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti ma tistax tghid li fil-konfront tal-attur l-MTA imxiet bi trasparenza ghar-ragunijiet diga` esposti.

Ma tirrizultax il-prova li bl-agir ta` xi parti kien rexxiss il-kuntratt tax-xoghol bejn il-partijiet. Ghalhekk din il-Qorti, koxjenti kif kienet mill-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol li kellha mal-attur, in partikolari fl-eventwalita` ta` trasferiment intern jew estern ghall-azjenda, l-MTA kienet fl-obbligu li tiggarantixxi dak li kien patwit mal-attur, minghajr riserva jew titubanzi, specjalment fil-kaz tal-lum, fejn irrizulta li l-attur ikkontesta, sa fejn kien ragonevoli, kull pass illi hadet l-MTA fil-konfront tieghu.

Fix-xhieda tieghu l-attur jispjega ghaliex il-posizzjoni offruta lilu ma` WasteServ kienet inferjuri ghall-kuntratt tax-xoghol li kellu.

L-attur jaghmel elenku a fol 155 –

- *Il-grad ta` Finance Officer minflok dak ta` Direttur ;*
- *Probation/evaluation period ta` sena ;*
- *Tnaqqis fis-salarju baziku wara sena minn Lm11,296 ghal dak ta` Lm8,684 ;*
- *Allowance ta` Lm2,500 fis-sena relatata mal-grad ta` direttur mibdula f`performance bonus award ranginfg between 0% - 15% ta` Lm11,296 u cioe` minn Lm0.00 sa Lm1694 ;*

- *Personal Accident Cover ta` Lm50,000 – ma nghatatx ;*
- *Life Assurance Cover ekwivalenti ghal erba` snin salarju basiku annwali – ma nghatatx ;*
- *Life Assurance Policy (Flexiplan) ta ‘ Lm120 fis-sena – ma nghatatx ;*
- *Subscription fees tal-Malta Institute of Accountants u Association of Certified and Chartered Accountants – ma nghatawx.*

L-attur jixhed ukoll illi bhala direttur huwa kien intitolat ghall-bilanc tas-*sick leave* li huwa ma kienx ha izda kemm ilu marid u jibghat ic-certifikati tal-mard dan il-beneficcju ma hadux . Jixhed ukoll illi huwa ilu ma jhallas bolla tas-sigurta` socjali ghal tlett snin (fol. 156).

Il-quantum tad-danni pretizi mill-atturi mhuwiex kontestat. Kif del resto kif konfermat mid-difensur tal-MTA meta saru s-sottomissjonijet finali.

Ladarba l-MTA ghazlet li ma ttemmx l-impieg tal-attur kif trid il-ligi, l-MTA kienet fl-obbligu li thares il-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-attur.

Il-posizzjoni offruta lil attur kienet differenti minn dik li kien jokkupa taht mal-MTA ghaliex huwa nghata biss is-salarju li kellu u bonus li jvarja minn 0% sa 15% (fol. 65). Inoltre ma jidhirx illi l-attur kien ser ikollu garanzija tal-impieg ma` WasteServ propju ghaliex fl-ittra tas-17 ta` Jannar 2006 huwa kien gie infurmat minn WasteServ li kien ser ikun suggett ghal ‘*evaluation period of twelve months’* (fol. 65). B`hekk l-attur gie f`qaghda aghar milli kien mal-MTA li min-naha taghha kienet obbligata tonora l-kondizzjonijiet tal-impieg tieghu. M`hemmx dubbju illi l-kundizzjonijiet li l-attur kellu bhala direttur, kif jirrizutaw mill-kuntratt tieghu, ma gewx onorati mill-MTA.

L-MTA teccepixxi illi r-*redeployment* tal-attur kien konsegwenza tal- ftehim kollettiv li l-MTA kienet ghamlet mal-UHM. Min-naha tieghu l-attur jixhed illi l-offerta ta` sentejn paga fl-iskema tal-irtirar kmieni ma kenitx tapplika ghall-grad ta` Direttur izda kien tasal sal-grad ta` *Assistant Manager* (ara z-zewg dokumenti a fol. 55 u 56).

Il-Qorti tinnota li fil-kuntratt ta` impjieg ma ssir l-ebda referenza ghall-ftehim kollettiv li l-Awtorita` konvenuta seta` kellha ma xi *trade union.*

Peter Portelli xehed illi l-MTA ggarantiet is-salarju baziku biss u mhux il-*perks* u dan a bazi ta` ittra mibghutha mill-Ufficcju tal-Prim Ministru kif ukoll a bazi tal-Ftehim Kollettiv mal-UHM (ara fol. 302). Peter Portelli jixhed ukoll illi '*safejn naf jien il-managerial grades mhumiex covered bil-collective agreement*' (fol. 308 u 309).

Joe Tanti, li kien wiehed minn dawk responsabbli ghar-ristrutturar tal-Awtorita`, irrisponda hekk meta kien mistoqsi dwar jekk il-UHM kenitx tirrapprezenta lit-*top management* tal-MTA, '*ma nistax nghid li kienet tirrapprezenta t-top management imma l-agreement kien qed isir fuq bazi tal-haddiema kollha'* (fol. 267) u jkompli li '*il-Union tieqaf sa Assistant Manager kienet bhala rapprezentanza'* (fol. 267) u li din il-Union ma kenitx tirraprezenta lil attur (ara fol. 268).

Minn ezami tal-ftehim kollettiv wiehed isib li dak il-ftehim kien japplika biss ghal - *Junior Office Assistants, Office Assistants, Clerks, Senior Clerks, Executive Secretaries, Senior Executives, Assistant Managers*. Fil-fatt, il-ftehim kollettiv ma kienx japplika ghal impjegati fil-posizzjoni li kien jokkupa l-attur – kemm meta kien Senior Manager kif ukoll meta sar Direttur Finanzi.

Din il-Qorti tghid li fil-kaz tal-attur jekk kien deciz li bir-ristrutturat tal-MTA l-attur kellu jigi skjerat fis-settur pubbliku bis-sahha tal-Art.15A tal-Kap.343 tal-Ligijiet ta` Malta, il-kondizzjonijiet tal-impieg li kellu fil-kuntratt mal-MTA kellhom jibqghu jigu onorati. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel talba.

In kwantu ghad-danni pretizi mill-attur, din il-Qorti qieset il-prospett li kien ipprezentat flimkien mal-affidavit tal-attur. Bhala fatt, il-quantum tad-danni reklamati mill-attur ma kienx kontestat mill-MTA.

Fil-kuntratt tax-xoghol tal-attur, kienu elenkati l-*allowances* li ghandhom kien intitolat –

- ‘annual allowance’ (ara fol. 12)
- ‘payment of private telephone bill’,
- 24-hour Group Personal Accident Insurance Policy,
- abbonament fi Group Health Insurance Scheme kif ukoll
- Life Assurance Policy (ara fol. 7).

L-attur qed jitlob il-hlas ta` salarji ghas-snin 2006 sa 2009, il-*bonuses* li huma parti mis-salarju (ara Art. 2 ta` Kap. 452), *allowances*, hlas ta` *life assurance policy*, hlas tat-telefon, u hlas tal-medicini.

Ghalkemm il-quantum ta` danni ma kienx kontestat mill-MTA, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha tillikwida kull ammont li kien reklamat mill-attur. Lanqas ma ghandha tillikwida hlas ta` imghax skond il-mod pretiz mill-atturi.

Din il-Qorti ma taccettax bhala fondata u pruvata sal-grad rikjest mil-ligi, fil-kuntest tal-istanza attrici kif

promossa, il-pretensjoni tal-attur ghal risarciment ta` spejjez ta` natura medika li nkorra.

Din il-Qorti sejra tqis biss dawk l-ammonti li huma koperti mill-kuntratt tal-impieg tal-attur.

L-attur indika l-hlas tas-sottoskrizzjonijiet tal-MIA, tal-ACCA kif ukoll il-car allowance li pero` ma jirrizultawx inkluzi fil-kuntratt tax-xoghol.

Din il-Qorti sejra toqghod fuq dak li kien patwit fil-kuntratt ta` impjieg *del resto* anke ta` klawsola 1.2 tal-kuntratt li *inter alia* tghid li il-kuntratt '*shall constitute the entire understanding between the Parties hereto'* (ara fol. 4).

Il-kuntratt ighid li l-paga tal-attur kienet ta` Lm 8,500 fis-sena. Pero` fl-ittra ta` WasteServ tas-17 ta` Jannar 2006 jinghad li c-cifra kienet telghet ghal Lm11,296 (ara fol. 22).

Wara li qieset bir-reqqa d-dettalji tal-pretensjoni attrici, fil-kuntest ta` dak patwit bejn il-partijiet u tal-provi l-ohra relatati, din il-Qorti sejra tillikwida bhala dovuti lill-attur ghaz-zmien ta` bejn l-2006 u Frar 2009 : salarju ta` €77,274.40 (wara li jitnaqqsu l-beneficcji tal-mard u s-salarju moghti minn WasteServ) ; bonuses - €1,537.38 ; allowances - €18,440.86 ; life insurance - €838.56 ; u telephone - €829.31, li jgibu total ta` **<u>€98,920.51</u>**.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tichad it-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.**

**2) Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi.**

**3) Tilqa` t-tielet talba u tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont ta` tmienja u disghin elf disa` mija u ghoxrin Ewro wiehed u hamsin centezmu (€98,920.51).**

**4) Tilqa` r-raba` talba u tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta sabiex thallas lill-atturi in linea ta` danni s-somma ta` tmienja u disghin elf disa` mija u ghoxrin Ewro wiehed u hamsin centezmu (€98,920.51) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**5) Tordna lill-Awtorita` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------